MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 649/2004

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Maria Dolores Farrugia u l-istess Maria Dolores Farrugia**

**Vs**

**Vincent Borg**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm685.34c (sitt mija u hamsa u tmenin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.
Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn Maria Dolores Farrugia qalet:

"Kont gejja mid-direzzjoni tal-Bypass tax-Xemxija sejra lejn il-Coast Road, smajt blum, il-karozza tbandlet u tlift il-kontroll tal-vettura."

Il-konvenut qal kif gej:

"Kont gej mill-Bypass tax-Xemxija ser indur mar-roundabout ghal Burmarrad, rajt il-vettura MAR 054 quddiemi li kienet fuq il-lemin tieghi, din qabdet u qasmet minn quddiemi u lqatta'."

Il-passiggier Saviour Farrugia li kien fil-vettura ta' Maria Dolores Farrugia qal:

"Ahna konna gejjin mill-Bypass tax-Xemxija sejrin lejn Triq il-Kosta u kif konna sejrin niksru ghal fuq il-lane taghna rajt trakk li kien hareg minn Mosta Road jikser go fina u laqatna fuq il-parti ta' wara tax-xellug tal-vettura taghna, l-mara mad-daqqa nfixlet u marret xi erbghin pied boghod."

Il-passiggier Kevin Scerri li kien fil-vettura tal-konvenut qal:

"Hrigna mill-Bypass tax-Xemxija u konna sejrin induru mar-roundabout biex imorru lejn Burmarrad u f'nofs ir-roundabout f'daqqa wahda giet karozza u qasmet minn quddiemna u gibdet ghal Kennedy Grove. Din il-vettura kienet gejja bi speed eccessiv."

Sema' x-xhieda ta' PS 1096 Edmond Cuschieri fejn ikkonferma r-*Road Accident Report* u l-iskizz li mhux *to scale*. Ikkonferma wkoll illi l-hsarat ta' l-attrici kienu fir-rear left door, mudguard u bumper.

Sema' x-xhieda ta' Maria Dolores Farrugia fejn qalet illi kienet gejja mill-Bypass tax-Xemxija fuq l-*outside lane* jigifieri fuq in-naha tas-central strip u kienet sejra lejn in-

naha tal-Coast Road. Tghid li meta kienet fuq l-i*stop sign* ma rat lil hadd gej u ghalhekk harget.

Farrugia qalet ukoll li meta hasset id-daqqa, l-vettura taghha bdiet titbandal min-naha ghall-ohra u tilfet il-kontroll. Hija kkonfermat li d-daqqa haditha fuq ix-xellug fuq wara kif ukoll tikka zghira mill-bieba ta' wara u l-mudguard. Farrugia tghid li ma ratux il-konvenut qabel l-incident. Wara d-daqqa baqghet miexja ghal certu distanza minhabba li kienet tilfet il-kontroll tal-vettura. Tghid ukoll li meta harget mill-vettura, l-konvenut kien staqsiha jekk kienetx *fully comprehensive* u meta r-ragel ta' Maria Dolores Farrugia rrisponda fl-affermattiv, il-konvenut kien qal "mela mhux problema".

Maria Dolores Farrugia tikkonferma li GasanMamo Insurance Ltd kienu hallsu d-danni kollha hlief l-*excess*. Fil-kontro-ezami tghid li qabel ma harget mill-*give way sign* ma ratx trakkijiet bhal tal-konvenut fuq ix-xellug. Tghid li ma baqghetx fuq il-lane ta' gewwa minhabba li hi riedet tibqa' ghaddejja bi dritt u mhux fid-direzzjoni ta' Burmarrad. Farrugia tghid li m'ghandhiex idea liema parti tat-trakk laqatha, izda taqbel ma' l-iskizz.

Sema' x-xhieda ta' Saviour Farrugia, r-ragel ta' Maria Dolores Farrugia, li kien passiggier, fejn ighid li kif waslu hdejn ir-roundabout biex johorgu u jaqbdu t-triq tas-Salini, ra lil xi hadd hiereg. Ighid li ra t-trakk gej minn warajh izda ma jafx ezatt minfejn kien hiereg. Ighid ukoll li kienu fuq in-naha tas-central strip qabel ma hargu ghal fuq ir-roundabout. Farrugia jghid li t-trakk li habat maghhom ma kien f'ebda hin magenbhom jew quddiemhom.

Sema' x-xhieda ta' Vincent Borg fejn qal li dak il-hin ta' l-incident huwa kien gej mill-Bypass tax-Xemxija, u meta kien qed idur mar-roundabout biex imur lejn Burmarrad qalatu l-attrici biex giet quddiemu, jigifieri qasmet minn quddiemu. Huwa qabel ma' l-iskizz u r-*Road Accident Report*.

**Ikkunsidra**

Illi fix-xhieda taghha l-attrici qalet li hija kienet fuq il-lane tax-xellug u bidlet lane biex tmur lejn Triq il-Kosta. Hija qalet ukoll li meta kienet fuq il-*give way sign* ma ratx it-trakk tal-konvenut.

Illi l-gurisprudenza taghna dejjem irriteniet li d-driver ghandu dejjem izomm *a proper lookout* u jaghmel sinjal qabel ma jbiddel direzzjoni.

Illi mill-fatti ta' dan il-kaz jidher li l-attrici ma zammitx *a proper lookout* qabel ma qasmet fuq in-naha tal-lemin peress li hija qalet li ma ratx it-trakk tal-konvenut.

Illi wkoll l-attrici kellha l-obbligu li tuza l-karreggjata tan-naha tax-xellug qabel ma bdiet iddur mar-roundabout peress li din kienet l-aktar moghdija konvenjenti w adattata ghall-mod ta' kif hi riedet tohrog mir-roundabout ghal Triq il-Kosta. Illi dan qed jinghad inosservanza tar-Regola 223 tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq li tghid hekk:

"Meta jkun hemm aktar minn zewg moghdijiet fid-dahla ghar-roundabout, kemm-il darba ma jkunx hemm linji jew marki tal-karreggjata li jindikaw mod iehor, uza l-aktar moghdija konvenjenti meta tavvicina u tghaddi r-roundabout, li tkun adattata ghall-mod ta' kif int tkun trid tohrog."

Illi l-konvenut ezatt wara l-incident fir-*Road Accident Report* qal li qabel l-incident il-vettura ta' l-attrici kienet quddiemu fuq il-lemin tieghu meta din qabdet u qasmet minn quddiemu u laqatha.

Illi l-konvenut skond ir-Regola 224 ta' l-istess Kodici kellu d-dover li meta kien qieghed idur mar-roundabout, joqghod attent u jahseb f'vetturi ohra li jaqsmu minn quddiemu, specjalment dawk li jkunu bi hsiebhom ihallu r-roundabout fl-ewwel hrug li jkun imiss. Illi dan it-Tribunal ma jaccettax l-argument li billi t-trakk huwa kbir bilfors kellu joqghod fuq dik il-lane. Jekk it-trakk huwa kbir huwa d-driver ta' l-istess trakk li jrid ikun prudenti u jara li jsuq b'mod li jara dawk il-vetturi fuq ir-roundabout.

Ghalhekk iz-zewg sewwieqa huma responsabbli ghall-incident in kwistjoni b'mod ugwali.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jilqa' t-talba attrici in parte fis-sens illi l-ammont mitlub ghandu jinqasam bejn iz-zewg partijiet. Ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' Lm330.17c (tlett mija u tletin lira Maltin u sbatax-il centezmu) lis-socjeta' attrici u Lm12.50c (tnax-il Maltin u hamsin centezmu) lill-attrici. Kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------